TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 68/10

**Mark u Nathalie Farrugia**
**vs**
**K.N.K Airconditioners Co. Ltd.**

Illum 4 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Frar, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tmien mija u disgħin ewro (€890), rappreżentanti tank tas-*solar water heater* li għandu jitbiddel peress li twaħħal kollu daqqiet.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendiex għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw *solar water heater* u rriżulta li t-tank tal-ilma kien kollu bid-daqqiet.

L-intimat issottometta bil-miktub li t-talbiet mhumiex minnhom u li s-*solar water heater* m'għandu l-ebda difett.

**It-Tribunal jinnota illi:**

L-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, minkejja li ssottometta risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li ra r-ritratti ppreżentati, jinnota li huwa minnu li għandu diversi daqqiet fuqu, pero' dan mhux qiegħed jiddisturba l-funzjoni tas-*solar water heater*.

It-Tribunal, jinnota illi għalkemm il-problema hija estetika, xorta jista' jkun illi l-problema tiżdied.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Av Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888